**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 6 ta' Dicembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Jeffrey Magro**

**Kump No : 668/2021**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jeffrey Magro detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru: 0413581M, fejn gie akkuzat talli nhar it- 13 t'Ottubru, 2021 bejn il-hinijiet ta' 22:20hrs u 23:20hrs gewwa l-Qrendi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ **Andrea Magro** f’periklu car, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq missieru, l-istess **Andrea Magro** li ghandu l-eta’ ta’ 69 sena, hekk kif iċċertifikah Dr. Daniel Desira (Med Reg.4632) mill- Isptar Mater Dei.

2. Ħebb għal missieru **Andrea Magro** sabiex jinġurjahah, idejqu jew jagħmillu ħsara b’xi mod

3. Barra min dan, l-imputat **Jeffrey Magro** huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b’sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija defenittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta’ Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta’protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Jeffrey Magro** a beneficju ta’ **Andrea Magro** u l-familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba f’kaz ta’ htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta’ **Andrea Magro** u l-familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Jeffrey Magro** b’obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi **Jeffrey Magro** sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-13 ta' Gunju 2022 (ara folio 127) u l-kunsens ta` l-imputat tas-17 ta' Gunju 2022, li jigi ggudikat minn din il-Qorti (ara folio 128);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami tal-atti processwali irrizulta sodisfacentement illi nhar it-13 t'Ottubru, 2021 bejn il-hinijiet ta' 22:20hrs u 23:20hrs gewwa l-Qrendi, propju fir-residenza fejn huwa jghix ma missieru Andrea Magro li tinsab f'numru 1, Sqaq Sant'Anna, Qrendi, l-imputat aggredixxa lil missieru kemm b'idejh kif ukoll b'oggett iebes u kkagunali diversi feriti, fosthom anki feriti gravi u dana wkoll kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit bhala Dok AM4 a folio 18. Ir-ritratti esebiti bhala dok AM9 juru b'mod grafiku li stat li kien jinsab fih missieru wara l-agressjoni. Fil-

kuntest tal-feriti sofferti, gie esebit rapport tat-Tabib Mario Scerri bhala dok MS1 a folio 101.

Riferibbilment ghall-addebitu tar-recidiva, gew esebiti tlett sentenza bhala dok JM1, JM2 u JM3 a folio 116 et sequitur.

Riferibbilment ghall-karattru ta` l-imputat Jeffrey Magro, gewipprezentati rapporti tal-ufficjal tal-probation Mary Anne Zammit, wiehed datat 09/05/2022 u iehor 07/11/2022. L-istess ufficjal tal-probation telghet tixhed darbtejn, fis-17/06/2022 u propju fl-udjenza tallum stess 06/12/2022. Irrizulta evidenti li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna kollha li tista tinghata minhabba diffikultajiet li ghandu fil-karattru u l-personalita` tieghu.

**Konkluzjoni;**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 202(h)(iii)(v), 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 216 (1)(b), 217, 218(1)(a)(b), 222(1)(3), 222(1)(a), 222A(1)(7), 339(1)(d), 341, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 412D u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tordna li, ai termini ta’ Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal tliet (3) snin millum bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Jeffrey Magro.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur